MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 85/2005

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Ital Mal Machinery Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, hames mija u ghaxar Liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (LM2,510.28,0), rapprezentanti ammont minnha dovut in konnessjoni ma' hsarat minnhom ikkagunati lil propjeta' ta' l-istess socjeta' mittenti fuq cables fit-Triq Annibale Preca, Balzan fis-17 ta' Mejju**

**tas-sena 2003 (GT3/2003/30INV.13683) skond kopja taghha hawn annessa u mmarkata dok. A.;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti u ta' l-ittra ufficcjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hija ngunata ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-10 ta' Mejjul tas-sena 2005 meta gew pprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------